MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Numru 770/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

Carmelo Vassallo
Salvatore Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Carmelo Vassallo u Salvatore Vassallo ta’ karta ta’ identita’ numru 298446M u 404151M rispettivament, akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer, fid-29 ta’ Awissu 2004 u fil-gimghat ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, f’ufficju tal-Assocjazzjoni tat-Trasport

Pubbliku go Putirjal il-Belt Valletta, bnew, bidlu, ghamlu, ippossedew, bieghu jew xtraw xi apparat li bih setghu jikkonnettu kontra l-ligi ma’ sistema ta’ telekomunikazzjoni;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, volontarjament, qatghu, kissru, waqqghu, iddistruggew, ghamlu hsara jew nehhew batterija, makkinarju, fil-gumna, arblu jew materjal iehor jew kull haga ohra li taghmel parti minn telegrafu, elettriku jew manjetiku, bil-fili jew minghajr fili, jew li tkun uzata jew li sservi f’dan it-telegrafu, jew fit-thaddim tieghu, jew ghamlu xi haga li zzomm jew tfixkel b’xi mod iehor il-moghdija minn banda ghal ohra ta’ messagg;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b’qerq bi hsara ta’ l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet l-ammissjoni taz-zewg imputati f’din l-ewwel dehra fl-liema ammissjonijiet huma ppersistew anka wara li l-Qorti taghtom zmien jirrikunsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:
L-akkuzi jittrattaw reat kontinwat bi ksur tal-artikolu 298A (access frawdolenti ghall-mezzi ta’ komunikazzjoni), l-artikolu 326(e) u l-artikolu 308 (truffa).

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputati l-Qorti qeghdha tiddikjarhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom. Wara li rat l-artikoli fuq citati flimkien mal-artikolu 17 tal-istess Kap 9 u hadet in konsidirazzjoni dawk il-fatturi li jimmilitaw kontra piena ta’ prigunerija

tiddecidi li tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu ta’ tlett xhur mill-lum bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------